Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

National Book Council
Central Public Library
Prof. Joseph J. Mangion Street
Floriana FRN 1800
Malta EU

+356 27131574
joe.debattista@gov.mt

www.ktieb.org.mt

Kungress Nazzjonali tal-Kittieba

Mozzjoni 2: Tiġdid minn Liġi Sussidjarja għall-Att tal-Parlament

Preżentata minn Mark Camilleri (Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb)

L-awtonomija u s-sigurtà li ġġib magħha huma essenzjali biex il-ħidma tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għall-ġid tal-industrija tal-kotba f'Malta tħalli l-frott tagħha. Il-Kunsill huwa l-entità pubblika f'Malta li tirrappreżenta l-interessi tal-kittieba u l-pubblikaturi, u għalhekk ix-xogħol ewlieni tagħha huwa li tassigura li l-politika tal-Gvern għall-industrija tal-kotba f'Malta tħalli ġid materjali tanġibbli lill-imsieħba prinċipali fl-industrija.

Dan kollu minkejja l-isfida ewlenija li joffri s-suq Malti: iċ-ċokon, li min-naħa tiegħu joħloq sfidi materjali lill-kittieba u lill-pubblikaturi kollha. Madankollu l-ħidma tal-KNK hija xprunata mit-twemmin li l-industrija tal-kotba hija essenzjali għall-iżvilupp intellettwali, kulturali, u edukattiv tas-soċjetà.

Għalhekk jitqies li huwa ta' importanza nazzjonali li l-industrija tal-kotba tiġi sostnuta mill-politika tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb bl-awtonomija kollha li tagħtih il-Liġi Maltija.

Sabiex il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ikompli jassigura l-awtonomija tiegħu, il-Liġi Sussidjarja għandha tiġi mġedda f'Att tal-Parlament.